

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/1990**tal-15 ta' Novembru 2021****li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarusja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Ottubru 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK ⁽¹⁾ dwar miżuri restrittivi kontra l-Belarusja.
- (2) Fil-21 u t-22 ta' Ottubru 2021, il-Kunsill Ewropew adotta konklużjonijiet li fihom iddikjara li mhu ser jaċċetta l-ebda tentattiv minn pajjiżi terzi biex jistrumentalizzaw lill-migranti għal finijiet politiċi, ikkundanna l-attakki ibridi kollha fil-fruntieri tal-UE u afferma li ser jirreaġixxi kif xieraq. Huwa ssottolinja li l-UE ser tkompli tiġġieled l-attakk ibridu li għaddej u li tnieda mir-reġim Belarussu, inkluż billi tadotta, b'mod urġenti, aktar miżuri restrittivi kontra persuni u entitajiet legali, skont l-approċċ gradwali tagħha.
- (3) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li l-kriterji ta' deżinjazzjoni fid-Deċiżjoni 2012/642/PESK jenħteġ li jiġu emendati biex jippermettu l-applikazzjoni ta' miżuri restrittivi mmirati kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jorganizzaw jew jikkontribwixxu għal attivitajiet mir-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni jew it-trasferiment ta' merkanzija projbita u t-trasferiment illegali ta' merkanzija soġġetta għal restrizzjonijiet, inkluż merkanzija perikoluża, fit-territorju ta' Stat Membru.
- (4) Għalhekk, jenħteġ li d-Deċiżjoni 2012/642/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2012/642/PESK hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 3(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipprevjenu d-dħul fit-territorji tagħhom, jew it-tranżitu minnhom, tal-persuni elenkati fl-Anness li:

- (a) huma responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem jew ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika, jew li l-attivitajiet tagħhom ikunu serjament jipperikolaw id-demokrazija jew l-istat tad-dritt fil-Belarusja, u kwalunkwe persuna assoċjata magħhom;
- (b) jibbenefikaw mir-reġim ta' Lukashenka jew jappoġġawh; jew
- (c) jorganizzaw jew jikkontribwixxu għal attivitajiet mir-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw:
 - (i) il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni; jew
 - (ii) it-trasferiment ta' merkanzija projbita u t-trasferiment illegali ta' merkanzija soġġetta għal restrizzjonijiet, inkluż merkanzija perikoluża, fit-territorju ta' Stat Membru.";

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarusja (ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1).

(2) L-Artikolu 4(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil, huma l-proprjetà ta', huma miżmuma minn jew huma kkontrollati minn persuni, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness li jissodisfaw kwalunkwe wieħed mill-kriterji li ġejjin għandhom jiġu ffriżati:

- (a) persuni, entitajiet jew korpi responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem jew għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika, jew li l-attivitajiet tagħhom ikunu serjament jipperikolaw id-demokrazija jew l-istat tad-dritt fil-Belaruſsja, u kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp assoċjati ma' tali persuni, entitajiet jew korpi ;
- (b) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jibbenefikaw mir-reġim ta' Lukashenka jew jappoġġawh,;
- (c) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jorganizzaw jew jikkontribwixxu għal attivitajiet mir-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw:
 - (i) il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni; jew
 - (ii) it-trasferiment ta' merkanzija projbita u t-trasferiment illegali ta' merkanzija soġġetta għal restrizzjonijiet, inkluż merkanzija perikoluża, fit-territorju ta' Stat Membru;
- (d) persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li huma proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minn persuni, entitajiet jew korpi taħt il-punti (a), (b) jew (c).”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Novembru 2021.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BORRELL FONTELLES